MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 99/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**
**Vs**
**Darren Xuereb**
**Julian Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Settembru, 2007, gewwa l-fond "Gelateria La Bonello", li jinsab gewwa Triq San Gorg c/w Triq Ross, San Giljan, naqsu milli jharsu xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija suggetta l-licenzja, meta bieghu jew ippermettew il-bejgh ta' alkohol jew xorb mhux alkoholiku biex jigi kkunsmat mhux fil-post.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 43 (1)(b)(2) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta'

Malta, w ir-regolament 16 ta’ l-Avviz Legali 175 tas-sena 2004, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom ghal multa ta’ € 1165 kull wiehed.
Rat ukoll l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta’ l-hanut de quo riferit ghall-perjodu ta’ xahrejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fl-14 t’April, 2008, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-appellanti mill-istess akkuzi w minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ghazlet li tqis ix-xiehda ta' l-Ispetturi tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta bhala sufficjentement kredibbli anki jekk ma giex pruvat li l-imsemmija fliexken tax-xorb tassew inxtraw minn gewwa l-fond "Gelateria La Bonello" li jinsab go Triq San Gorg kantuniera ma’ Triq Ross f' San Giljan u dan peress li l-Istess Spetturi ma raw ebda skambju ta' flus sabiex jigi konfermat li sar dan il-bejgh u peress li l-verzjoni tal-Ispetturi hija ghal kollox skorreta w inveritjiera.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008, li bih Dr. Giglio ghall-appellanti iddikjara li l-appellanti ma kienux qed jikkontestaw li kienu qed jinbieghu fliexken alkoholici biex jigu kkunsmati barra l-hanut.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li x-xiehda ta' Dr. Michael Camilleri ma kienetx necessarja w ghalhekk kienu qed jirrinunzjaw ghalih.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-uniku aggravju li gie msemmi fir-rikors tal-appell hu dak fuq riprodott u din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' xi aggravji ohra li setghu issemmew waqt it-trattazzjoni li pero' ma gewx ukoll imsemmija fl-istess rikors tal-appell. Dan ghaliex kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Michael Curmi"** [25.7.1994] : *"Ir-ragunijiet ta' l-appell huma n-ness vitali bejn il-fatti kif esposti u t-talba ghat-thassir jew tibdil maghmula mill-appellant."* u *'L-Qorti ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors tal-appell"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Nicholas Debono"** [30.9.1994] )

Ghalhekk il-kwistjoni kollha - jekk ghadha tezisti - tirrizolvi ruha f' wahda ta' apprezzament tal-provi.

Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej :-

**ANDRE' ZAMMIT**, addett tal-Awtorita' ta' Malta tat-Turizmu, xehed li fit-28 ta' Settembru, 2007 kien mal-kollega tieghu Jonathan Cuschieri f' San Giljan u f' hin minnhom huma osservaw tlitt zaghzagh hergin mill-Gelateria La Bonello u f' idejhom kellhom basket tal-plastik, flixkun vodka li kien maghluq issigillat u tlitt tazzi tal-plastic, kulur abjad bir-roza. Kellmuhom u dawn qalulhom li kienu xtraw dak il-flixkun mill-Gelateria La Bonello. Waqt li kienu dehlin sabu ragel iehor, guvni ta' fuq l-ghoxrin sena l-istess bi flixkun shih u barra kienet qed tistennieh tfajla fil-karozza tieghu w kien ghadu kemm bieghhulu. Sadattant Xuereb kien qed iservi lil haddiehor.

Dak il-hin kellmu lill-appellant Darren Xuereb, li huwa s-*substitute* fuq il-licenzja. Hu qal lil Xuereb: *"Ma tafx li mhux suppost tbiegh fliexken?"* Dak il-hin, sekondi wara, kien dahal fil-hanut ukoll il-licencee Julian Bonello, li ghandu stabbiliment iehor bl-isem ta' BG's Snack Bar magemb il-Gelateria. Xuereb wiegbu bhal speci: *"Xi tridni naghmel? Ghax irrid inhallas il-kera."* Ghad-domanda tal-Qorti jekk Xuereb kienx accetta li kien qed ibiegh il-flixken ix-xhud wiegeb: *"Da zgur."* Lil Julian Bonello kienu qalulu

li ma setax ibiegh flixken minn hemm u li bhala licencee kien responsabbli ghal dak li jigri hemm gew.

F' Jannar kienu diga' ltaqghu ma' Darren Xuereb u ma’ missieru George Xuereb kif ukoll mal-licencee Julian Bonello w spjegawlhom li ma setghux ibieghu flixken shah bhala bar. Sahansitra fil-25 ta' Lulju ta' dik is-sena kienu anki servewhom b' *enforcement notice* minnhabba numru ta' *deficiencies* li kellhom peress li ma kienux qed ilahhqu ma' l-*standards* ta' bar, ghax l-istabbiliment aktar qiesu armat bhala *confectionery*. Kienu anki tawhom parir biex jikkancellaw il-licenzja minn mal-Awtorita' bhala bar u jmorru mat-Trade Licensing Department fuq il-Code 52.25 li tirrigwarda "confectionery". Pero' huma ma riedux ghax sadattant kienet ghaddiet ligi b' Legal Notice 186 tal-2007, fejn iddahhlet restrizzjoni li dawk il-hwienet li huma licenzjati mat-Trade Department ma jistghux ibieghu flixken shah wara d-9 pm. Riedu allura jzommu il-licenzja mal-Awtorita' biex ikunu jistghu ibieghu flixken shah sal-4 am. Imma huma qalulhom li ma setghux jaghmlu dan u flok joperaw bar joperaw *confectionery.*

Ix-xhud zied jghid li skond l-Avviz Legali 175, fil-kaz ta' bar, ix-xorb irid jigi *"consumed on the premises".* Il-licenzja li kienet harget il-Pulizija lill-appellant Bonello fil-2001 u li giet esebita seduta stante (Dok. XX) turi li kienet ghall-*"bar second class".*

Illi l-appellanti ma ressqu ebda prova biex jirribattu l-fatti allegati mix-xhud Zammit anzi ddikjaraw li ma jikkontestawx li kienu qed jinbieghu flixken b' kontenut alkoholici shah mill-istabbiliment *de quo.* Invece, ippruvaw jimpostaw l-appell fuq binarju ghal kollox differenti minn dak espost fir-rikors taghhom billi jibbazawh fuq interpretazzjoni differenti tar-Regolamenti w tat-termini tal-licenzja.

Illi ladarba l-aggravju mressaq quddiem din il-Qorti kien limitat biss ghall-kwistjoni ta' fatt li issa jidher li fuqha ma hemmx kontestazzjoni, u ladarba kif fuq intqal din il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidra xi aggravji ohra ta' indoli legali li l-avukat il-gdid tal-appellanti pprova jressaq waqt

it-trattazzjoni orali, ma hemm assolutament ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tirrevedi jew tbiddel id-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

Del resto, ladarba l-licenzja li qed jigi operat tahtha l-istabiliment hija dik ta' *"bar second class*" u li dawn l-istabilimenti huma regolati bir-Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Licenzji, Bonordni u Dicenza Pubblika) L.S. 10.09, jidher car mir-Regolament 2 li dawk ir-regolamenti jghoddu biss ghall-hwienet li fihom jinbieghu nbid, birra jew likuri spirituzi sabiex jinxtorbu fil-hanut stess jew jinbieghu f' daqsijiet ta' anqas minn flixkun shih.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------